MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 31/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**George Xuereb**
**u**
**Natalino Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Xuereb u Natalino Xuereb talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. approprjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn vetturi Isuzu Mu bin-numru tar-Registrazzjoni EAH-037 u Alfa Romeo Spider bin-

numru tar-registrazzjoni SPI-200, liema vetturi huma registrati f'isem Carmen Xuereb u li jappartjenu lil Carmen Xuereb u persuni ohra u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat bi ksur ta' l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. iffalsifikaw cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe` ffalsifikaw il-firma ta' Carmen Xuereb u persuni ohra fuq il-log books tal-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni EAH-037 u SPI-200, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli xjentement ghamlu uzu mid-dokumenti hekk falsifikati bi ksur ta' l-Artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` ffalsifikaw il-firma ta' Carmen Xuereb u l-log books tal-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni EAH-037 u SPI-200 billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi u aktar talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura msemmija bi ksur ta' l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi urew haga b'ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm5,000 bi hsara ta' Carmen Xuereb u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil George Xuereb wahdu, talli fit-30 ta' Awissu, 1998 ikkommetta serq tal-vettura Isuzu Mu bin-numru ta' registrazzjoni EAH-037 tal-ghamla Isuzu MU minn Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmen Xuereb;

Lil George Xuereb wahdu talli hu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 8 ta’ Awissu, 1990, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 9 ta’ Novembru, 1993 u b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 22 ta’ Marzu, 1995 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghom u lliberathom minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali minnu prezentat fl-4 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija fuq l-imputazzjonijiet kollha u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellant u ta' Dott. Rapael Fenech Adami ghall-appellati;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u argumentazzjoni legali relattiva. Jispecifika li l-aggravju tieghu jikkonsisti filli l-ewwel Qorti lanqas biss ikkunsidrat ir-relazzjoni tal-espert forensiku Ivan Formosa; li huwa lampanti li saru l-falsifikazzjonijiet tat-transfers; li dan kollu sar a profitt ta' l-appellat[i] u kontra l-volonta` ta' Carmen Xuereb; li l-fatt li hemm ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni jaghmel is-sitwazzjoni aktar serja ghax ma setax jigi prezunt xi kunsens li talvolta jista' jigi invokat minn xi parti; u li ghalhekk kull ma sar miz-zewg appellati kien illegali.

Dan l-aggravju huwa purament kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti. Huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u

sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament"**
Ghalhekk din il-Qorti ezaminat b'mod profond il-provi kollha migbura, u in partikolari t-traskrizzjonijiet kollha tax-

xhieda u d-dokumenti esibiti. Minn dan l-ezami li ghamlet hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emmnuti, jiggustifikaw il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' nuqqas ta' htija, imma huwa kaz fejn l-ewwel Qorti setghet legittimament u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet fuq il-provi.

Dawn il-proceduri nbdew wara rapport li ghamlet Carmen Xuereb, mart l-appellat George Xuereb, li l-log-books tal-vetturi EAH-037 u SPI-200 li jappartjenu lilha kienu gew iffalsifikati u l-vetturi trasferiti. Effettivament dawn gew fl-ewwel lok trasferiti fuq l-appellat Natalino Xuereb. Meta Carmen Xuereb xehdet[2] quddiem l-ewwel Qorti kkonfermat li l-firem fuq il-log-books ta' dawn iz-zewg karozzi ma kinux taghha. Rigward il-vettura EAH-037, Mario Galea, li huwa auto-dealer u li l-firma tieghu tidher bhala xhud fuq id-Dok. AFM1, xehed[3] li l-firma "C. Xuereb" fuq il-log-book saret mill-appellant George Xuereb u li z-zewg appellanti ffirmaw quddiemu ghax kieku ma kienx jaccetta l-imsemmi dokument. Rigward il-vettura SPI-200, Olivia Buhagiar, skrivana mal-Melita Insurance Brokers, ikkonfermat[4] il-firma taghha fuq id-Dok. AFM3 izda qalet li l-firem l-ohra kienu diga` hemm u li kien ghaddihulha biex tiffirmah certu Giovanni Farrugia li kien jaghmel xi xoghol ghall-agenzija li hi tahdem maghha. Giovanni Farrugia ma tefa' l-ebda dawl fuq il-kwistjoni peress li xehed li lanqas jaf lill-appellati (allura imputati)[5]. Jirrizulta bhala fatt li l-vettura EAH-037 inbieghet mill-appellat Natalino Xuereb lil certu Luciano Soler u li dan bighha lil certu Cedric Bartolo li xehed[6] li kien hemm zewg okkazjonijiet meta ltaqa' ma' Carmen Xuereb u din qaltlu li ser tehodlu l-van ghax hu taghha.

Mill-banda l-ohra l-appellati jikkontestaw dak li qalet Carmen Xuereb u anke x-xiehda ta' Mario Galea. Huma

---

2 A fol. 45 - 50.
3 A fol. 54 - 55.
4 A fol. 57.
5 A fol. 79 u 88 - 89.
6 A fol. 81 - 83.

jinsistu li Carmen Xuereb kienet iffirmat hi stess fuq il-log-books. Dwar il-log-book tal-vettura EAH-037 gie prodott anke certu Paul Caruana li stqarr li Carmen Xuereb kienet iffirmatu quddiemu fil-garaxx ta' l-appellat Natalino Xuereb. L-appellati xehdu li wara kienu marru ghand Mario Galea biex johrog l-assikurazzjoni u dan iffirma l-log-book u ha hsieb it-transfer. Dwar il-log-book tal-vettura SPI-200, l-appellati xehdu li kienu marru flimkien ma' Carmen Xuereb l-ufficcju tal-licenzji biex isir it-transfer. Hemm kellmu persuna li hasbu li huwa skrivan u li dwar din il-persuna l-appellat George Xuereb jghid li jisimha Giovann u li xehdet f'dawn il-proceduri (referenza din li tidher li hija ghax-xhud Giovanni Farrugia). Iz-zewg appellati jghidu li ffirmaw il-log-book Carmen Xuereb u l-appellat Natalino Xuereb quddiem din il-persuna li haditilhom hsieb it-transfer. Jidher li t-trasferiment ta' dawn iz-zewg vetturi lil Natalino Xuereb sar bhala pagament ghal self li kien ghamel l-istess Natalino Xuereb lil huh George Xuereb[7]. Jirrizulta li wara r-rapport li Carmen Xuereb kienet ghamlet lill-Pulizija in konnessjoni mal-vetturi hawn in kwistjoni, l-Avukat ta' l-appellati kien gie nkarigat biex jikteb lill-Pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra Carmen Xuereb minhabba rapport falz[8]. Jirrizulta wkoll li fiz-zmien relattiv Carmen u George Xuereb kienu ilhom diga` xi zmien separati *de facto*, izda fil-mori tal-kawza sar kuntratt ta' separazzjoni[9] fejn, *inter alia*, qablu li tali kuntratt huwa "per saldu tad-drittijiet u pretenzjonijiet reciproci kollha" u li "m'ghandhomx aktar drittijiet u pretenzjonijiet kontra u fil-konfront ta' xulxin", u fejn Carmen Xuereb anke ddikjarat li "ma fadlilha ebda pretenzjonijiet ulterjuri fil-konfront" ta' l-appellati. It-talba li saret lill-Pulizija biex jittiehdu passi kontra Carmen Xuereb fuq rapport falz u l-atteggjament rispekkjat mill-kuntratt ta' separazzjoni jsahhu t-tezi ta' l-appellati.

L-Avukat Generali ghamel certa insistenza fuq ir-rapport ta' l-espert forensiku Ivan Formosa. F'dan ir-rapport l-espert esprima l-fehma li l-firem "C. Xuereb" fuq il-log-books Dok. AFM1 u AFM2 mhumiex miktubin bl-id ta'

7 Ara dokument a fol. 210.
8 Ara dokument a fol. 173.
9 Ara Dok. CB1 a fol. 145.

Carmen Xuereb u li l-karatteristici jixbhu "ftit" dawk li hemm fil-kampjuni tal-kaligrafija ta' George Xuereb. Konsegwentement ikkonkluda li dawn il-firem (inklux il-firma "Natalino Xuereb" fuq id-Dok. AFM2) "setghu" saru minn George Xuereb. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-opinjoni ta' l-espert forensiku ma tistax tittiehed bhala wahda konkluziva galadarba esprima ruhu fit-termini appena msemmija.

Bhalma korrettement qalet l-ewwel Qorti, huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni filwaqt li ghall-imputati huwa sufficjenti sabiex jinhelsu minn kull addebitu li jippruvaw sal-grad tal-probabbli. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-appellati dan irnexxielhom jaghmluh, u cioe` li rnexxielhom jiskossaw il-provi tal-prosekuzzjoni bix-xiehda taghhom u l-provi minnhom imressqa.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------